MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tat-28 ta' April, 2005

Talba Numru. 270/2005

**Borg Cold Stores (Import & Distribution) Limited (C 22065)**

**Vs**

**Charles Sultana (ID Nru: 4649M) u Sultana Enterprises Limited (C17158)**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm1,141.87c (elf mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu) rapprezentanti prezz ta' ikel u *foodstuffs* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra n-Nota ta’ Ammissjoni pprezentata fit-8 t’April, 2005 li biha l-konvenuti jammettu l-atti kollha tal-kawza stante pagament.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni tal-konvenuti, t-Tribunal jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta’ Lm1,141.87c (elf mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sebgha u tmenin centezmu), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------